IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.10.2016
COM(2016) 670 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-ewwel rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina

MT MT

I. INTRODUZZJONI

Is-sigurtà kienet tema kostanti sa mill-bidu ta' dan il-mandat tal-Kummissjoni mil-Linji Gwida tal-President Juncker ta' Lulju 2014 sal-aħħar diskors dwar l-Istat tal-Unjoni ta' Settembru 2016. Id-Dikjarazzjoni ta' Bratislava u l-Pjan Direzzjonali ta' Settembru 2016 indirizzaw dan billi enfasizzaw il-funzjoni importanti tal-Unjoni Ewropea bħala garanti tas-sigurtà taċ-ċittadini tagħha u stiednu lill-Unjoni tagħmel dak kollu meħtieġ sabiex tappoġġa l-Istati Membri fl-iżgurar tas-sigurtà interna u fil-ġlieda kontra t-terroriżmu[1]. Fix-xhur li għaddew, kien hemm progress kontinwu fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[2] ta' April 2015 u fit-tħejjija ta' triq lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, kif proposta mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha ta' April 2016[3]. F'dan il-kuntest, il-President Juncker ħoloq portafoll speċifiku ta' Kummissarju għall-Unjoni tas-Sigurtà, bl-appoġġ ta' Task Force trażversali li tuża l-kompetenzi tal-Kummissjoni kollha sabiex tmexxi 'l quddiem il-ħidma u tiżgura l-implimentazzjoni.

Dan huwa l-ewwel wieħed minn serje ta' rapporti ta' kull xahar dwar il-progress li twettaq lejn Unjoni tas-Sigurtà operattiva u effettiva. Ir-rapporti ta' kull xahar se jsegwu l-implimentazzjoni tad-diversi flussi ta' ħidma tal-Kummissjoni[4] fil-qasam tas-sigurtà u se jidentifikaw fejn jenħtieġ li jsiru aktar sforzi. Dawn ir-rapporti se jduru madwar żewġ pilastri wesgħin: l-indirizzar tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata u l-mezzi li jappoġġawhom; u t-tisħiħ tad-difiżi tagħna u l-bini ta' reżiljenza kontrihom. Ir-rapporti se jinkludu firxa sħiħa ta' politika fil-qasam tas-sigurtà u se jenfasizzaw l-azzjoni meħuda mill-Istituzzjonijiet tal-UE u mill-Aġenziji tal-UE f'dan il-qasam. B'mod parallel, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni komprensiva tal-effikaċja tal-istrumenti attwali tal-UE kontra t-terroriżmu.

Kif il-Kummissjoni nnotat preċedentement, fid-dinja tal-lum is-sigurtà interna ta' Stat Membru wieħed hija s-sigurtà interna ta' kulħadd. Huwa biss billi naħdmu flimkien li se nkun nistgħu niksbu l-livell ta' sigurtà kollettiva mitlub u mistenni miċ-ċittadini tagħna. Ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali għandu jkun fil-qalba ta' dan ix-xogħol, peress li s-sigurtà tal-Unjoni tista' tiġi żgurata biss meta ċ-ċittadini jkollhom fiduċja li d-drittijiet fundamentali tagħhom jiġu rispettati bis-sħiħ.

Dan ir-rapport jiġbor flimkien dak li nkiseb sa mill-Komunikazzjoni ta' April 2016. L-enfasi tal-proġetti futuri se tkun fuq ir-riżultati u se tirrifletti d-dimensjoni ta' sigurtà tal-firxa sħiħa ta' politiki tal-Unjoni, b'enfasi fuq il-kontribut tagħhom biex tinbena Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina.

---

[1] Id-Dikjarazzjoni ta' Bratislava u l-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava tas-16 ta' Settembru 2016, SN 73/16

[2] Il-Komunikazzjoni COM(2015) 185 final, tat-28 ta' April 2015 L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà.

[3] Il-Komunikazzjoni COM(2016) 230 final, tal-20 ta' April 2016 Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq għal Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina.

[4] Ara wkoll il-Komunikazzjoni COM(2016) 602 final, tal-14 ta' Settembru 2016, It-titjib tas-sigurtà f'dinja ta' mobbiltà: titjib fl-iskambju tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fruntieri esterni aktar b'saħħithom.

II. IT-TISĦIĦ TAL-ĠLIEDA TAGĦNA KONTRA T-TERRORIŻMU U L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA U L-MEZZI LI JAPPOĠĠAWHOM

a) Qafas legali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-qtugħ tal-aċċess għal finanzjament u l-armi tan-nar

It-tisħiħ tal-ġlieda kontra t-terroriżmu jitlob li jkun hemm azzjoni effettiva biex jitwaqqaf l-appoġġ li t-terroristi jibbenefikaw minnu u sabiex huma ma jkollhomx il-mezzi biex iwettqu l-attakki.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal **Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu**[5] hija mfassla biex timplimenta malajr l-istandards u l-obbligi internazzjonali filwaqt li tiżgura li l-qafas tal-liġi kriminali fil-livell tal-UE jindirizza b'mod adegwat l-isfidi emerġenti, inkluż dawk li jirriżultaw minn ġellieda terroristi barranin li jirritornaw. L-għoti ta' akkomodazzjoni, trasport jew appoġġ materjali lit-terroristi jew il-provokazzjoni pubblika biex jitwettaq reat terroristiku huma wkoll reati relatati mat-terroriżmu, li għandhom jiġu sanzjonati b'mod strett. Minn Settembru 2016, kien hemm tliet laqgħat trilogi dwar din il-proposta u dawn stabbilew bażi komuni fuq għadd ta' kwistjonijiet ewlenin. Il-Kummissjoni tilqa' l-objettiv komuni tal-koleġiżlaturi li jeħtieġ li l-ftehim fuq id-Direttiva proposta jinkiseb qabel tmiem is-sena.

Fir-rigward tal-finanzjament tat-terroriżmu, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-finanzjament tat-terroriżmu[6] ta' Frar 2016, fil-5 ta' Lulju 2016 il-Kummissjoni adottat proposta għal emendi mmirati lejn ir-Raba' **Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus**. Il-bidliet proposti għandhom l-għan li jindirizzaw mezzi ġodda ta' finanzjament ta' terroriżmu (eż. muniti virtwali, kards imħallsa minn qabel) u jżidu t-trasparenza fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bdew jaħdmu fuq il-pożizzjoni tagħhom dwar il-proposta l-ġdida, u dan ix-xogħol għandu javvanza malajr sabiex it-trilogi jibdew sa 2017. Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat lista ta' pajjiżi terzi li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu[7]. Issa, il-banek se jkollhom jagħmlu verifiki addizzjonali ("miżuri ta' diliġenza dovuta msaħħa") dwar il-flussi finanzjarji minn dan il-11-il pajjiż.

Il-Kummissjoni aċċellerat l-implimentazzjoni tal-**Pjan ta' Azzjoni** tagħha ta' Diċembru 2015 dwar ir-rinforz tal-kooperazzjoni operazzjonali fil-livell tal-UE **kontra t-traffikar illeċitu u l-użu ta' armi tan-nar u splussivi**[8]. Il-maġġorparti tal-miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni issa ġew implimentati jew qed jiġu implimentati. Ix-xogħol se jaċċellera u jintensifika l-iskambju ta' imformazzjoni dwar l-armi tan-nar kemm fil-livell Ewropew, kif ukoll f'dak internazzjonali. Barra minn hekk, id-djalogi ma' pajjiżi fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq u fil-Balkani tal-Punent ġew imnedija biex jitjiebu l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar matul dawn iż-żewġ rotot ewlenin.

Fit-19 ta' Novembru 2015, fid-dawl tal-attakki ta' Pariġi, il-Kummissjoni adottat Regolament ta' implimentazzjoni dwar standards minimi komuni għad-**diżattivazzjoni tal-armi tan-nar**[9]. Ir-Regolament ta' implimentazzjoni daħal fis-seħħ fit-8 ta' April 2016 u jipprevedi li l-armi tan-nar diżattivati jsiru inoperabbli irreversibilment. Il-Kumitat

---

[5] COM(2015) 625 final.

[6] COM(2016) 50/2.

[7] C(2016) 4180 final

[8] COM(2015) 624 final.

[9] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibilment.

responsabbli mill-implimentazzjoni dwar id-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar iltaqa' f'Settembru 2016 biex jivvaluta l-ħtieġa għal reviżjonijiet ulterjuri tal-istandards ta' diżattivazzjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta biex tirrevedi d-**Direttiva dwar l-Armi tan-Nar** (Direttiva 477/91) biex jiġi limitat l-aċċess għall-kategoriji l-aktar perikolużi ta' armi tan-nar li huma proprjetà ta' ċivili[10]. Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016, u l-Kumitat tal-Parlament Ewropew għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumaturi vvota dwar il-proposta fid-19 ta' Lulju 2016. Id-diskussjonijiet bejn il-koleġiżlaturi bdew fil-livell politiku fis-27 ta' Settembru 2016, u qed jiġu segwiti f'serje ta' diskussjonijiet tekniċi. Huwa importanti li jintlaħaq ftehim qabel tmiem is-sena. Il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex iżommu l-livell ta' ambizzjoni, partikolarment l-objettiv li l-aktar armi tan-nar semiawtomatiċi perikolużi jiġu pprojbiti.

It-terroristi sfruttaw **splussivi maħduma fid-djar** sabiex iwettqu attakki fl-Ewropa. Il-Kummissjoni qed taħdem b'mod attiv biex tnaqqas l-aċċess għall-**prekursuri** li jistgħu jintużaw biex jimmanifatturaw splussivi maħduma fid-djar, u biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni tal-infurzar tal-liġi u persunal ieħor li jiżgura żoni pubbliċi, it-tranżitu tal-massa, u infrastrutturi kritiċi. Dan ix-xogħol inkluda l-finanzjament ta' proġett ta' riċerka[11] biex jiġu newtralizzati l-proprjetajiet splussivi ta' prodotti disponibbli *f'suq ta' bejgħ ħieles* fi ħwienet tal-ħardwer. Il-proġett wassal għall-applikazzjoni għal privattivi li għandhom jintużaw mill-industrija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, jaraw b'mod urġenti kif japplikaw din ir-riċerka sabiex it-terroristi ma jkollhomx aċċess għal dan is-sors potenzjali ta' ingredjenti għall-manifattura tal-bombi.

Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-azzjoni politika kontra l-isplussivi tindirizza n-natura li dejjem tevolvi ta' din it-theddida. F'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni riċentement identifikat is-sustanzi prekursuri addizzjonali ta' tħassib li jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kontrolli aħjar. F'Novembru, il-Kummissjoni se tadotta tliet atti delegati separati li jżidu dawn is-sustanzi mal-Anness II tar-**Regolament dwar il-marketing u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi**[12]. Iż-żidiet se jitolbu r-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien u serq li jinvolvi dawn is-sustanzi, lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

B'mod parallel, il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni biex tiżgura l-implimentazzjoi sħiħa ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri. Fid-29 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra Ċipru, Franza, il-Lussemburgu u Spanja peress li sa issa dawn l-Istati Membri għadhom ma implimentawx bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet kollha. Fil-bidu tal-2017, il-Kummissjoni se tirraporta dwar l-implimentazzjoni ta' regoli Ewropej u jekk huwiex mitlub aktar tisħiħ tagħhom.

b) Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ġlieda kontriha

Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali kif ukoll permezz tal-internet, hija pilastru ċentrali tal-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra t-terroriżmu. F'Ġunju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni komprensiva dwar kif il-ħidma fil-livell tal-UE tista' tappoġġa l-Istati Membri fil-**prevenzjoni ta' radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti**[13]. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE jimplimentaw l-

[10] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi.

[11] Proġett ta' riċerka ffinanzjat fi ħdan il-prijorità ta' "riċerka dwar sigurtà" tas-seba' Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka.

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi.

[13] COM(2016) 379 final.

azzjonijiet proposti. Mill-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta f'Mejju 2016, il-Kummissjoni ssorveljat l-implimentazzjoni tal-impenji minn kumpaniji tal-IT, speċjalment l-impenn biex jitneħħa diskors ta' mibegħda f'anqas minn 24 siegħa. Il-Kummissjoni se tipprovdi rapport lill-Kunsill dwar il-progress sat-8 ta' Diċembru lill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni. Wara l-Konferenza ta' Livell Għoli ta' Ottubru 2015 dwar ir-reazzjoni tal-Ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2015, fil-preżent l-Istati Membri qed jippreżentaw proposti b'reazzjoni għal sejħa għal proġetti biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet. B'mod parallel, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali tagħhom jagħmlu użu sħiħ mid-diversi miżuri ta' appoġġ u għodod kooperattivi biex tiġi evitata u indirizzata r-radikalizzazzjoni, speċjalment permezz tal-appoġġ offrut min-**Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni** (RAN - Radicalisation Awareness Network). F'Settembru 2016, l-RAN nieda l-kampanja "Exit Hate" biex jipprovdi deskrizzjonijiet narrattivi alternattivi għal propaganda estremista abbażi ta' dikjarazzjoni personali. Grazzi għar-rinforz riċenti, l-RAN issa jista' jilħaq pajjiżi terzi. L-RAN organizza żjajjar lejn it-Turkija u l-Ġordan minn ħaddiema taż-żgħażagħ lokali u minn akkademiċi biex tġi stabbilita lista ta' azzjonijiet konkreti li se jiġu implimentati mal-awtoritajiet lokali. Fid-9 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni se torganizza Konferenza ta' Livell Għoli tal-RAN dwar ir-radikalizzazzjoni, li tlaqqa' flimkien lil dawk li jfasslu l-politika f'livell nazzjonali u lokali u professjonisti ewlenin biex jiġu diskussi mezzi effettivi għall-indirizzar tar-radikalizzazzjoni. Il-Kummissjoni qed tħejji wkoll it-tieni laqgħa ta' livell għoli tal-**Forum tal-Internet tal-UE** skedata għat-8 ta' Diċembru 2016 biex tippermetti lill-Istati Membri, lill-industrija u lill-atturi tas-soċjetà ċivili jikkunsidraw il-progress li sar u jerġgħu jindirizzaw il-ħidma futura dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni onlajn u l-indirizzar tal-propaganda terrorista fuq l-internet. Il-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava jenfasizza l-importanza tal-appoġġ tal-UE għal azzjonijiet ta' Stati Membri fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni.

c) It-titjib ta' kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera bl-appoġġ tal-Aġenziji tal-UE

Filwaqt li jserrħu fuq l-appoġġ imsaħħaħ ipprovdut mill-Aġenziji tal-UE, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-mekkaniżmi fis-seħħ fil-livell tal-UE biex tiġi żgurata kooperazzjoni operattiva bejn il-fruntieri. **Eurojust** għandha rwol ewlieni; wara l-attakki terroristiċi riċenti fi Franza u l-Belġju, Eurojust qed tappoġġa l-prosekuturi Franċiżi u Belġjani billi tipprovdi konsulenza u tikkoordina investigazzjonijiet kumplessi.

Iċ-**Ċiklu Politiku** 2013-2017 attwali, li jimmira li jindirizza l-aktar theddid kriminali importanti b'mod koerenti permezz ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi relevanti tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Aġenziji tal-UE, kif ukoll pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet relevanti, wasal fi tmiemu. Huwa għandu jiġġedded u jissaħħaħ minħabba l-impatt pożittiv fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi bejn il-fruntieri. Pereżempju, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi minn Stati Membri u pajjiżi sħab arrestaw persuni suspettati li nstabu fil-pussess ta' biljetti tal-ajru li nxtraw permezz ta' dettalji ta' karti ta' kreditu misruqa jew foloz. Instab li diversi suspetti bħal dawn kienu involuti f'forom oħra ta' reati, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, it-traffikar ta' droga, iċ-ċiberkriminalità u t-terroriżmu. Il-kriminalità organizzata transfruntiera, fil-forom l-aktar serji tagħha, dejjem ipprovat tfittex opportunitajiet ġodda, kemm permezz tal-isfruttar ta' migranti potenzjali permezz tat-traffikar ta' bnedmin jew tan-negozju illeċitu fil-fawna selvaġġa u ta' reati ambjentali oħrajn. Anki t-tweġiba tagħna għandha tevolvi.

Sabiex tibqa' effettiva fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, l-UE trid tkun lesta tadatta għax-xejriet ġodda fil-kriminalità u għaż-żieda fl-użu ta' mezzi ċibernetiċi għat-twettiq ta' reati. Iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità fl-Europol diġà

jappoġġa kooperazzjoni transsettorjali u transfruntiera kontra ċ-**ċiberkriminalità**. F'Lulju tal-2016, iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità, flimkien mal-Puliżija Nazzjonali Olandiża, l-Intel Security u Kaspersky Lab nedew il-kampanja "NoMoreRansom". Din is-sħubija pubblika privata timmira li tiġġieled ir-ransomware, li huwa tip ta' malwer li jinfetta l-kompjuters billi jikkripta fajls li jiġu dekriptati biss wara li jitħallas riskatt. Sa issa, huma għenu 2 400 utent jiddekriptaw il-fajls tagħhom mingħajr ma jħallsu riskatt. Minħabba ż-żieda fir-relevanza tal-**evidenza elettronika** għal investigazzjonijiet kriminali, il-Kummissjoni qed ittejjeb l-effiċjenza tal-mekkaniżmi attwali biex tikseb aċċess transfruntier għal evidenza elettronika bħal Assistenza Legali Reċiproka. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni esperta dwar approċċ komuni tal-UE dwar l-użu ta' miżuri investigattivi fuq l-internet. Kien hemm tliet laqgħat tal-gruppi ta' esperti bejn Lulju u Ottubru 2016 ma' prattikanti mill-infurzar tal-liġi, mad-dinja akkademika u mal-fornituri tas-servizz tal-Internet. Ir-raba' workshop se jseħħ f'Novembru 2016 biex tiġi vvalutata l-fattibiltà ta' soluzzjoni ta' pjattaforma għat-trażmissjoni ta' talbiet dwar evidenza eletronika. Dawn il-laqgħat ta' esperti se jintużaw fir-rapport ta' nofs it-terminu li għandu jingħata lill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Diċembru 2016.

III. IT-TISĦIĦ TAD-DIFIŻI TAGĦNA U R-REŻILJENZA

a) It-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni

Il-qsim ta' informazzjoni huwa ċentrali biex isaħħaħ id-difiżi tagħna kontra t-terroriżmu. L-ewwel sfida hija dik li jsir l-aħjar użu minn għodod u sistemi eżistenti. Dawn għandhom jiġu implimentati u applikati bis-sħiħ.

Il-**Qafas Prüm** dwar l-iskambju ta' DNA, ta' marki tas-swaba' u ta' dejta nazzjonali dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi huwa eżempju ċar ta' dan. Dan il-qafas irnexxielu jidentifika kriminali li joperaw bejn il-fruntieri. Madankollu, mhux l-Istati membri kollha diġà implimentawh, għad-detriment tal-vantaġġi li jista' joffri biex itejjeb is-sigurtà. Sabiex jitnaqqas dan id-distakk, il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra l-Kroazja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja u l-Portugall talli naqsu milli jkunu konformi mad-Deċiżjonijiet ta' Prüm[14]. Dawn huma l-ewwel proċeduri ta' ksur li ntbagħtu għall-hekk imsejjaħ "strument tat-tielet pilastru preċedenti" fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-Istati Membri fl-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas Prüm, u se torganizza konferenza biex taqsam l-aħjar prattiki f'Jannar 2017.

L-implimentazzjoni ta' kull ma ġie miftiehem hija wkoll sfida ewlenija li taffaċċa d-Direttiva tal-UE dwar ir-**Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri** (PNR - Passenger Name Record)[15]. Wara l-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni biex jadottaw id-Direttiva, ir-riskji tal-progress qed ikunu affettwati min-nuqqas ta' kapaċità ta' proċessar fil-maġġorparti ta' Stati Membri għad-dejta miġbura. L-Istati Membri għandhom jibnu urġentement l-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (PIUs - Passenger Information Units). Sa issa, Stat Membru wieħed biss (ir-Renju Unit) waqqaf PIU li jiffunzjona b'mod sħiħ, żewġ Stati Membri oħra (Franza u l-Ungerija) iridu jiksbu dan sa tmiem l-2016 u oħrajn għandhom proġetti li għadhom għaddejjin. Madankollu, abbażi tal-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri,

---

[14] Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI.

[15] Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja.

ħdax-il Stat Membru għad iridu jibdew il-ħidma. Il-Kummissjoni hija lesta li tipprovdi assistenza legali ulterjuri, kompetenzi u appoġġ finanzjarju sabiex tilħaq dan. Sa Novembru 2016, il-Kummissjoni se tippreżenta pjan ta' implimentazzjoni bl-istadji importanti li l-Istati Membri se jkollhom jissodisfaw sabiex ikollhom il-PIUs tagħhom lesti u qiegħdin jitħaddmu sal-iskadenza għall-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva, jiġifieri f'Mejju 2018. Sabiex tappoġġa t-twaqqif tal-PIUs, il-Kummissjoni pproponiet lill-awtoritajiet baġitarji biex jipprovdu ammont addizzjonali ta' EUR 70 miljun ta' finanzjament għall-perjodu 2017-2020. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipprovdi EUR 3,8 miljun biex tiffaċilita l-iskambju ta' dejta tal-PNR bejn l-Istati Membri u l-Europol. Wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u assoċjazzjonijiet tal-linji tal-ajru, il-Kummissjoni se tippreżenta wkoll regoli ta' implimentazzjoni dwar formati tad-dejta u protokolli ta' trażmissjoni għat-trasferiment ta' dejta tal-PNR. Il-Kummissjoni hija lesta li tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni qabel tmiem din is-sena. Il-kumpaniji tal-ajru jistgħu mbagħad jużaw formati tad-dejta u protokolli ta' trażmissjoni stabbiliti permezz ta' din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien sena mill-adozzjoni.

L-Aġenziji tal-UE għandhom rwol importanti biex jappoġġaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, u dan l-appoġġ għandu jiżdied. Fil-kuntest tal-bażi legali ta' **Europol** li ġiet adottata f'Mejju 2016[16] u li se tidħol fis-seħħ f'Mejju 2017, l-Aġenzija se tkun imsaħħa b'ammont ta' karigi addizzjonali li jista' jwassal sa 90 waħda. Wara dan u wara t-tħabbir tar-rinforz tal-Europol li seħħ fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2016, il-Kumissjoni attwalment qed twettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet bl-informazzjoni pprovduta mill-Europol. Abbażi tar-riżultat ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni se tieħu l-passi meħtieġa biex tippermetti li ċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu fil-Europol jipprovdi l-appoġġ 24/7 meħtieġ għall-Istati Membri.

Il-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava jitlob kooperazzjoni intensifikata u skambju ta' informazzjoni fost is-**servizzi ta' sigurtà** tal-Istati Membri. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 li enfasizzat l-importanza li tinstab soluzzjoni prattika sabiex tippermetti titjib ta' kooperazzjoni bejn il-komunità tal-infurzar tal-liġi u l-komunità ta' intelliġenza. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jaqsmu l-aħjar prattiki tagħhom fil-livell nazzjonali biex jiġu stabbiliti strutturi ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u s-servizzi tas-sigurtà nazzjonali, u l-ewwel skambju ta' opinjonijiet seħħ fil-Kumitat Permanenti tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni Operazzjonali (COSI - Council's Standing Committee on Operational Cooperation on Internal Security) fit-28 ta' Settembru 2016. Il-Kummissjoni se tavviċina Stati Membri rispettivi biex trawwem dan l-iskambju.

b) It-tisħiħ ta' sistemi ta' informazzjoni u t-tnaqqis ta' distakki fl-informazzjoni

Barra l-implimentazzjoni ta' sistemi attwali, hemm il-ħtieġa li **l-arkitettura ġenerali ta' informazzjoni fil-qasam tas-sigurtà** titjieb. L-arranġamenti attwali għall-ġestjoni tad-dejta fl-UE għas-sigurtà huma frammentati. Dan ippermetta lill-kriminali u t-terroristi biex jużaw identitajiet differenti u jevitaw li jiġu skoperti. Filwaqt li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta u b'mod partikolari l-limitazzjoni tal-iskop jiġu rispettati bis-sħiħ, qed jiġu kkunsidrati opzjonijiet dwar kif nagħmlu l-aħjar użu ta' informazzjoni attwali f'livell tal-UE u ntejbu l-ġestjoni tal-identitajiet.

[16] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI.

Il-Kummissjoni waqqfet **Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli** biex jiġu indirizzati aspetti legali, tekniċi u operazzjonali ta' opzjonijiet differenti għall-kisba ta' interoperabbiltà ta' sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni u s-sigurtà tal-fruntieri[17]. Wara li tnediet laqgħa fl-20 ta' Ġunju, il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli ltaqa' fl-20 ta' Settembru bil-parteċipazzjoni tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta. Il-Grupp iddiskuta possibiltajiet sabiex jitjieb il-mod li bih l-Istati Membri jimplimentaw u jużaw sistemi eżistenti, b'mod partikolari l-valur miżjud li tista' ġġib interfaċċa tat-tfittix. Il-Grupp iddiskuta wkoll il-ħidma tal-Kummissjoni fuq **Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvaġġar (ETIAS - EU Travel and Information Authorisation System)**, inklużi r-raġunijiet u l-objettiv tagħha, kif ukoll sfidi ġuridiċi, tekniċi u operattivi. Il-Kummissjoni se tipprovdi aġġornament ta' dawn id-diskussjonijiet lill-Kunsill (laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-13 ta' Ottubru) u l-Parlament Ewropew (il-laqgħa tal-Kumitat LIBE tat-8 ta' Novembru).

Minħabba l-isfidi tas-sigurtà u l-importanza vitali li jkun hemm skambju ta' informazzjoni aħjar biex dawn jiġu indirizzati, jeħtieġ li l-ħidma tal-Grupp tiġi aċċellerata. Il-Kummissjoni se tipprovdi sejbiet *interim* sa Diċembru 2016, b'enfasi dwar kif jiġu implimentati u użati aħjar sistemi eżistenti u r-rwol li jista' jkollha l-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (UE-LISA) b'appoġġ għal dan. Barra minn hekk, kif imħabbar fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni u kif previst fil-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta leġiżlattiva biex sa Novembru tiġi stabbilita **ETIAS** biex tipprovdi verifiki preċedenti għal eżenzjoni mill-viża ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw fiż-żona Schengen.

c) It-titjib tas-sigurtà fil-fruntiera esterna

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 kienet ċara li sabiex titjieb is-sigurtà interna fi ħdan l-Unjoni, irridu ntejbu l-ġestjoni tal-fruntiera esterna. It-tnedija ta' **Gwardja Ewropea tal-Fruntiera** fis-6 ta' Ottubru b'użu sostanzjali ta' gwardji tal-fruntiera u tagħmir tekniku fil-fruntieri esterni Bulgari hija stadju importanti fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni. **Europol** għandha tkompli ttejjeb il-preżenza tagħha fil-hotspots tal-migrazzjoni permezz tal-użu ta' uffiċjali mistiedna biex tippermetti verifiki tas-sigurtà bħala parti mill-isforzi tagħna fil-fruntiera esterna.

Il-verifiki fil-fruntiera esterna huma mod ewlieni kif jiġu skoperti l-ġellieda terroristiċi barranin li jirritornaw. Sabiex jinkiseb dan, il-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE għandhom jiġu vverifikati ma' bażijiet tad-dejta relevanti. F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex temenda l-**Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen** sabiex jiġu introdotti verifiki sistematiċi ta' ċittadini tal-UE li jaqsmu l-fruntiera esterna[18]. Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-25 ta' Frar 2016 filwaqt li l-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew adotta r-Rapport tiegħu fil-21 ta' Ġunju 2016. Sa issa, kien hemm laqgħa triloga fit-13 ta' Lulju 2016 u għadd ta' laqgħat tekniċi, iżda ma hemm l-ebda ftehim fil-Parlament Ewropew dwar il-prinċipju ta' verifiki sistematiċi. Jeħtieġ li ż-żewġ koleġiżlaturi jirdoppjaw l-isforzi tagħhom u jaċċelleraw id-diskussjonijiet tagħhom dwar din il-proposta sabiex jintlaħaq ftehim sa tmiem l-2016.

---

[17] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2016) 205 final, tas-6 ta' April 2016 dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u s-Sigurtà Interna.
[18] COM(2015) 670 final.

Is-**Sistema ta' Dħul u Ħruġ tal-UE** proposta li ġiet imressqa mill-Kummissjoni f'April 2016[19] se tkompli ttejjeb l-effikaċja tal-verifiki fuq il-fruntiera, peress li se jiġi rreġistrat fejn u meta ċittadin ta' pajjiż terz jidħol jew joħroġ mill-UE. Filwaqt li għaddejjin diskussjonijiet tekniċi kemm fil-Parlament Ewropew, kif ukoll fil-Kunsill, l-ebda waħda minn dawn l-Istituzzjonijiet ma adottat il-pożizzjoni tagħha għat-trilogi sa issa. Huwa importanti li l-ħidma fuq din il-proposta tiġi aċċellerata u kompluta.

d) Il-ħarsien taċ-ċittadini u tal-infrastrutturi kritici

It-terroristi għandhom l-għan li joħolqu l-biża' u huma lesti li jikkawżaw diżgrazzji tal-massa billi jattakkaw miri "faċli". Hemm bżonn ċar li urġentement insaħħu r-reżiljenza tagħna, sabiex nipproteġu liċ-ċittadini u l-infrastrutturi, u nnaqqsu l-vulnerabbiltajiet. Permezz ta' analiżi tar-riskju, is-sigurtà tar-riċerka u l-kooperazzjoni sistematika bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u s-settur privat, l-Unjoni tista' tikkontribwixxi biex tneħħi l-vulnerabbiltajiet fil-protezzjoni kemm ta' miri faċli kif ukoll ta' infrastrutturi kritiċi.

Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u l-industrija biex tindirizza l-kwistjoni tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. Fil-15 ta' Ġunju 2016, ġie organizzat workshop tal-UE dwar "**Insider Threat**" (Theddid minn ġewwa) biex jiżviluppa ideat dwar kif l-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiżviluppaw approċċ aktar prattiku u miżuri ta' mitigazzjoni effettivi kontra theddid minn ġewwa. Proposti għal xogħol ulterjuri jinkludu t-twaqqif ta' grupp ta' ħidma mal-Istati Membri dwar skrutinju u l-iżvilupp ta' sett ta' għodod għat-theddid minn ġewwa kemm għall-Istati Membri, kif ukoll għall-industrija. Mill-20 sal-21 ta' Settembru, il-Kummissjoni organizzat workshop Brussell dwar "L-Isfidi u t-Tagħlimiet li ħadnagħall-**Protezzjoni Ċivili u s-Servizzi tal-Emerġenza** minn attakki terroristiċi reċenti". Il-proposti jinkludu: il-provvista ta' intervent aktar rapidu mis-Servizzi ta' Emerġenza fiż-"żona ta' periklu" waqt attakk sabiex jiġu limitati l-vittmi, ta' tagħmir aħjar għal servizzi ta' emerġenza, titjib fl-identifikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku billi jiġi pprovdut taħriġ dwar ir-reazzjoni/l-ewwel għajnuna liċ-ċittadini. Fix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni se tieħu azzjoni ulterjuri biex issaħħaħ **is-sigurtà tat-trasport**, b'enfasi fuq is-sigurtà ferrovjarja u marittima, kif ukoll fuq il-protezzjoni ta' miri faċli u s-sigurtà fuq l-art.

Fis-7 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni ressqet proposta biex tistabbilixxi **sistema ta' ċertifikazzjoni għat-tagħmir kollu tal-investigazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni.**[20] Din il-proposta timmira li jiġu simplifikati u armonizzati l-proċeduri tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni ta' tali tagħmir. Din l-inizjattiva se tgħin lis-settur privat billi tbaxxi l-kostijiet ta' ċertifikazzjoni għall-industrija tas-sigurtà, issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tas-sigurtà tal-UE u ttejjeb is-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Ewropa kollha. Il-proposta turi l-importanza mogħtija mill-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' industrija ta' sigurtà tal-UE kompetitiva li tista' tikkontribwixxi għall-awtonomija tal-UE fl-ilħiq ta' ħtiġijiet tas-sigurtà. Il-Kummissjoni tistieden lill-koleġiżlaturi sabiex jibdew jaħdmu fuq din il-proposta.

IV. KONKLUŻJONI

Kif juri dan ir-rapport, qiegħed isir progress konkret, inkluż dwar miżuri operazzjonali, fuq l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà u lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina. It-theddid transfruntier kumpless jirrikjedi reazzjoni konkreta u fuq diversi livelli. Dan jista' jinkiseb biss permezz ta' fiduċja u ta' ħidma konġunta mill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri kollha. It-terroristi ma jattakkawx Stat Membru wieħed jew ieħor; huma jattakkaw il-mod ta' għajxien tagħna, l-approċċ miftuħ tagħna, il-ġejjieni

[19] COM(2016) 194 final, 6 ta' April 2016.
[20] COM(2016) 491 final.

tagħna. Ir-reati serji, speċjalment iċ-ċiberkriminalità, joperaw fl-istess spazju u jattakkaw il-konnessjonijiet l-aktar dgħajfa fis-soċjetajiet tagħna. Hemm bżonn li nsaħħu r-reazzjonijiet tagħna: fl-indirizzar ta' dan it-theddid; tal-mezzi li jappoġġawhom; u tal-kawżi tagħhom billi naħdmu flimkien biex insaħħu s-sigurtà tagħna u r-reżiljenza tagħna. Il-Kummissjoni se tkompli tmexxi 'l quddiem il-ħidma dwar din l-aġenda kruċjali u se tirrapporta dwar il-progress f'Novembru.

KWISTJONIJIET EWLENIN U AVVENIMENT FIX-XHUR LI ĠEJJIN:

IT-TISĦIĦ TAL-ĠLIEDA TAGĦNA KONTRA T-TERRORIŻMU U L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA, U L-MEZZI LI JAPPOĠĠAWHOM

a) Qafas legali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-qtugħ tal-aċċess għal finanzjament u l-armi tan-nar

- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikomplu l-ħidma intensiva fuq il-proposta għal **Direttiva kontra t-terroriżmu** biex il-leġiżlazzjoni tiġi adottata qabel tmiem is-sena.
- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikomplu d-diskussjonijiet dwar il-proposta biex jirrevedu d-**Direttiva dwar l-Armi tan-Nar** sabiex jilħqu ftehim qabel tmiem is-sena.
- F'Novembru, il-Kummissjoni se tadotta tliet atti delegati dwar il-**prekursuri tal-isplussivi** addizzjonali soġġetti għal kontrolli aħjar.

b) Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ġlieda kontriha

- Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ tal-appoġġ offrut min-**Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni**.
- Fid-9 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni se torganizza **Konferenza ta' Livell Għoli tal-RAN** dwar ir-radikalizzazzjoni.

III. IT-TISĦIĦ TAD-DIFIŻI TAGĦNA U R-REŻILJENZA

a) It-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni

- Jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod urġenti jieħdu l-passi meħtieġa biex jibnu l-**Unitajiet tal-Informazzjoni tal-Passiġġiera** (PIUs) tagħhom sabiex jiġi żgurat li huma jkunu jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar il-PNR tal-UE sa mhux aktar tard minn Mejju 2018.
- Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu l-passi meħtieġa biex jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-**implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-PNR tal-UE**.
- Il-Kummissjoni se tappoġġa l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-PNR tal-UE u tippreżenta **pjan ta' implimentazzjoni** sa Novembru 2016 bi stadji importanti kokreti biex jitkejjel il-progress.

b) It-tisħiħ ta' sistemi ta' informazzjoni u t-tnaqqis ta' distakki tal-informazzjoni

- Il-Kummissjoni se tipprovdi aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ħidma li għadha għaddejja tal-**Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli** dwar Sistemi ta' Informazzjoni u ta' Interoperabbiltà bil-għan li jaċċelleraw il-ħidma li għadha għaddejja.
- Il-Kummissjoni se tressaq proposta biex tistabbilixxi **Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvaġġar (ETIAS)** sa Novembru tal-2016.

c) It-titjib tas-sigurtà fil-fruntiera esterna

- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaċċelleraw id-diskussjonijiet dwar il-proposta biex jiġi emendat il-**Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen** sabiex jintlaħaq ftehim sa tmiem l-2016.
- Jenħtieġ li **Europol** ikompli jtejjeb il-preżenza tiegħu fil-hotspots tal-migrazzjoni permezz tal-użu ta' uffiċjali mistiedna.

d) Il-ħarsien taċ-ċittadini u tal-infrastrutturi kritici

- Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw l-aħjar prattiki dwar it-**theddid minn ġewwa** u jieħdu kont tat-tagħlimiet meħuda mill-attakki terroristiċi riċenti għall-**protezzjoni ċivili u s-servizzi ta' emerġenza**.